# X'ġara n-Nadur nhar il-Ħadd, 25 ta' Ġunju, 1967

Joe Buttigieg

Kien jonqos biss erbat ijiem għall-Imnarja u fuq kull Naduri deher dak in-niket li għall-għaxar sena l-festa tagħna mhix ser terġa ssir. Il-poplu Naduri qam jistaqsi x'aħbarijiet hemm minn Ruma, peress li l-Arċipriet tagħna, Mons. Kan. Michael Portelli, mar Ruma biex jara kif sejrin l-affarijiet dwar il-kwistjoni tagħna u jekk sarux xi żviluppi ġodda wara l-mawra ta' Patri Ferdinand Galea fix-xahar ta' Mejju f'Għawdex.



Patri Ferdinand Galea ntbagħat minn Ruma fuq talba tal-ħabrieki u żagħżugħ Isqof Għawdxi Mons. Nikol Cauchi, Amministratur Appostoliku ta' Għawdex, biex isolvi l-kwistjoni mħawda ta' privileġġi ġodda fil-gżira tagħna.

Dakinhar, nhar il-25 ta' Ġunju jien kont xogħol fid-Depot tar-Rabat. F'11.45 a.m. tlaqt għal hemm u kif wasalt ħdejn il-kappella tal-Madonna tal-Ħniena, ix-Xewkija ltqajt mad-Dekan u l-Kan. Dun Martin Portelli għaddejjin ġol-karozza ta' Dun Ġużepp Grech lejn Għajnsielem. Xejjirtilhom bit-tbissima biex forsi nieħu xi ħaġa minn għandhom, iżda għalxejn, għax ħlief tixjira mqanżħa ma tawnix, u ħsibt ħażin.



Ftit wara nofsinnhar, l-Isqof ċempel għal Kan. Dun Martin Portelli u peress li kien għadu ma daħalx id-dar, ħalla risposta m'oħtu Karmena biex imur ir-Rabat, ir-residenza tal-Isqof, biex ikellmu. Hekk kif wasal id-dar għal xi n-nofsiegħa, Dun Martin ħareġ jiġri mid-dar għas-seminarju. "Dun Martin mur avża lin-Nadurin li l-BAŻILIKA ĠIET," qallu l-Isqof. L-ewwel li għamel dal-qassis ħabrieki kien li avża lis-saċerdoti kollha, imbagħad mar il-knisja u għal ħabta tas-siegħa daqq il-qanpiena l-kbira u dritt magħha murtal qawwi. "X'ġara! x'ġara!" beda jistaqsi l-poplu Naduri. "Ġiet il-Bażilka, il-Knisja tagħna Bażilka." Kulħadd ħareġ bi ħġaru għall-knisja. Issa l-qniepen kollha kienu jdoqqu alenija waħda u l-murtali ma jaqtgħu xejn. Kulħadd jibki bil-ferħ, kulħadd jitgħaxxaq u jiżfen. Ħafna bdew ibusu l-art u ħafna oħrajn kont tarahom il-knisja għarkupptejhom jirringrazzjaw 'l Alla u lil San Pietru u San Pawl. Il-vara sabiħa tal-kbar patruni tagħna l-Appostli S.S. Pietru Pawl ġiet maħruġa minn ġon-niċċa, wara 9 snin, minn ħafna nisa u rġiel fost ċapċip u għajjat li jtarrax. Is-sagrament tellgħuh ġos-Sala Kapitolari u ma nafx x'ma sarx dakinhar ġol-Knisja Bażilika tan-Nadur tagħna. Il-poplu xegħel f'sekonda! Martinu ta' Caruana u Żużu Mercieca ġabu s-Salib tal-Bażilika biex ipoġġuh fil-faċċata, oħrajn ħarġu b'*land rover* b'salib tal-Bażilika fuqha. F'kemm trodd salib kemm karozzi u trakkijiet kien hemm fin-Nadur inġabru ġol-pjazza u min kien jiflaħ – nisa, irġiel, tfal u żgħażagħ – intefgħu ġo fihom u rħewla lejn il-Qala u Għajnsielem jgħajtu u jkantaw ferħana.



Kif għedt iktar 'il fuq, peress li jien kont xogħol fid-Depot tar-Rabat li jaħbat fi Triq Sannat, ma kontx naf x'inhu jiġri ġon-Nadur. Iżda fis-1.30 p.m. ġie raħħal minn Għajnsielem u qalli, "naħseb li għandkom xi aħbar tajba għax qed jisparaw." Staqsejtu mnejn qed itellgħu l-murtali u weġibni li minn fejn it-Torri ta' Kenuna. Qbiżt jien u għedtlu, "Mela m'hemm xejn ġdid, għax dakinhar qed jisparawh ta' Ta' Ħida, bħalma sparaw il-Ħadd ta' qabel." U ma emmintx sa barra għax jien ukoll kont qed nistenna għand xi qassisin ħbieb tiegħi. Fis-1.45 p.m. ġie



it-trakk tal-M.M.U. biex jagħmel l-aħħar vieġ għall-fabbrika. Ix-xufier kien Ġużepp ir-Rejjex u l-ħaddiem kien John Bosco Mizzi, it-tnejn partitarji tal-partit "La Stella". Malli daħlu ġew fuqi u qaluli, "Joe ġietkom il-Bażilika." Jien għedtilhom biex iħalluni. "Bis-serjetà qed ngħidlek Joe tafx" qatagħali kliemi r-Rejjex. "Għadu kemm għadda *jeep* b'salib tal-Bażilika fuqu mnejn l-M.M.U. b'ħafna żgħażagħ jgħajtu "Viva l-Bażilika tan-Nadur." Issa bdejt biex nemmen u l-kwarta li kien baqa' biex nagħlaq rajtha siegħa. Fis-2.05 p.m. tlaqt għall-fabbrika u jien u nieżel in-niżla tal-Għonq titfaċċa quddiemi l-knisja tagħna u hekk kif rajt il-bnadar iperpru fuq iż-żewġ kampnari u daħna wara l-oħra tal-murtali EMMINT u nfexxejt nibki bil-ferħ li ħakimni u ma stajx nara nsuq, u biex komplejt kelli nimsaħ għajnejja. Dħalt l-M.M.U. ngħajjat kemm niflaħ, ħadt il-flixken tal-ħalib u tlaqt sparat għan-Nadur. Fejn tal-Ħniena nara ruxxmata karozzi u trakkijiet ġejjin minn Għajnsielem għax-Xewkija, b'*land rover* quddiem b'salib tal-Bażilika fuqha. Waqaft u għalkemm il-karozza tiegħi kellha xi ħsara fid-*differation* iddeċidejt li nkompli magħhom. Dħalna x-Xewkija, imbagħad għar-Rabat. Trid tarana deħlin ġor-Rabat. Ma nistax niddeskrivi dik ix-xena, hekk maestuża, hekk storbjuża. Mit-Tiġrija, it-triq prinċipali tar-Rabat, morna għal taħt Putirjal, dħalna Pjazza San Franġisk u minn hemm għal ħdejn is-Seminarju biex nirringrazzjaw lill-Isqof Nikol Cauchi. "Viva l-Isqof! Viva l-Isqof Nikol Cauchi" ħarġet l-għajta qawwija ta' mijiet ta' Nadurin. Il-purtinar qalilna li l-Isqof kien qed jistrieħ u ddeċidejna li nitilqu. Erħejnielha għal wara s-Seminajru, erġajna għall-Pjazza San Franġisk, Putrijal u għal ġot-Tokk, il-pjazza prinċipali ta' Għawdex. Issa l-għajjat żdied u r-Rabtin ħarġu bi ħġarhom jaraw x'ġara f'dak il-ħin ta' wara nofsinhar. Ħafna bdew iċapċpulna, oħrajn mistagħġba jħarsu mill-galleriji, oħrajn ħarġu bil-ħwejjeġ ta' taħt u min b'nofs ilbies u kont tara oħrajn jittawlu minn wara l-persjana u t-twieqi. Dħalna l-Għarb, erġajna ħriġna għar-Rabat u mbagħad għax-Xagħra u wara għan-Nadur fejn sibniehom għadhom ipoġġu s-salib tal-Bażilika li milli jidher ittantahom mhux ftit għax damu sa tard filgħaxija biex poġġewh. Malli wasalt il-pjazza dħalt fil-Bażilika u rringrazzjajt lil Alla u mbagħad lil patruni tagħna San Pietru u San Pawl.

Issa tħabbar li l-Arċipriet kellu jidħol l-Imġarr mir-Ruma mat-trip tal-aħħar u dritt ftehemna li nagħtuh merħba kbira. Għadd kbir ta' karozzi u trakkijiet niżlu x-Xatt jilqgħuh. In-nies reġgħet inġabret bi ħġarha ġol-pjazza. L-Arċipriet wasal ġol-pjazza, ġol-Mercedes ta' Ġoġi Grech, fost id-daqq tal-qniepen u tfaqqigħ tal-bombi u murtaletti. Preżentajnielu bukkett fjuri u wara dawra man-Nadur kollu.

Wasal il-knisja fost ċapċip li jtarrax, tela' fuq il-presbiterju u kellem lill-miġemgħa. Għamel diskors qasir u fost l-oħrajn qalilna biex nifirħu u ninsew l-imgħoddi. Irringrazzja lill-poplu, lill-Isqof Cauchi u lil kull min ħadem għall-Bażilika. Spiċċa biex talabna mmorru bi ħġarna għall-funzjonijiet tal-Knisja u biex niddevertu onestament fil-festi brijużi li jsiru barra, li biex isiru jinħtieġ li ssir ġabra mar-raħal. Wara intona t-Te Deum bħala att ta' ringrazzjament 'l Alla.

Wara t-Te Deum bdejna noħorġu l-armar tal-festa, li ħafna ħasbu li ser nsibuh spiċċut wara 9 snin ġewwa. Iżda ma kienx hekk; l-armar sibnieh kważi għadu l-istess, għajr xi ftit drapp mikul bil-kamla. Filgħaxija n-nies nġabret biex tattendi għal marċ brijżuż li sar mill-Banda Leone.

F'jumejn it-toroq kollha ġew armati minn kollox u l-festa saret b'pompa kbira. In-nies li attendew għall-festa kienu eluf kbar.









Il-baned li ħadu sehem kienu: il-Banda Leone tal-Belt Vittorja, il-Banda Victory tax-Xagħra, il-Banda Prekursur tax-Xewkija, u l-Banda St. Joseph ta' Għajnsielem. Minn Malta ġiet il-Banda Imperial tal-Mellieħa. Il-Banda Leone għamlet 7 servizzi.

Il-ġabra li għamel l-Arċipriet f'jumejn laħqet is-somma sabiħa ta' Lm2,000 u kulħadd baqa' mistagħġeb bil-festa li rnexxielna nagħmlu f'erbat ijiem.

Kien f'dan il-jum il-25 ta' Ġunju, 1967 li nibtet il-ħolma f'moħħ Joseph Curmi u Emanuel Vella biex jiffurmaw banda ġon-Nadur. 15-il jum wara, eżattament fit-8 ta' Lulju, 1967 'l fuq minn 80 persuna ltaqgħu għall-ewwel darba b'determinazzjoni li jwaqqfu banda ġdida għan-Nadur. Dakinhar ġie maħtur kumitat ta' 7 min-nies bl-intenzjoni ċara u soda li jieħdu ħsieb u l-inkarigu li jmexxu 'l quddiem dil-Banda ġdida li kienet għadha qed titwieled.

Dis-sena 2017, il-Banda Mnarja qed tiċċelebra il-50 anniversarju mill-bidu tagħha; biss il-Banda Mnarja tibqa' żagħżugħa b'ħafna alievi u bandisti tal-post kif ukoll b'kumitat ħabrieki u attiv.

Nawguraw lill-Banda Mnarja ħafna snin ta' suċċessi.

*Joe Buttigieg*
*President Onorarju u bandist*







PAVLVS PP. VI

*Ad perpetuam rei memoriam*

Omae parentibus arbitrisque gentium, idest Petro et Paulo Apostolis esse dicatum pernobile templum dioecesis Gaudisiensis lapideus titulus, ipsis insculptus foribus, monet. Idem duo abhinc saecula aedificatum eximiaque postea arte perfectum, paroecialis atque collegialis ecclesiae dignitatem merito obtinet. Constat enim magni nominis artifices et expoliendo suam operam dedisse, et altaria praesertim, specularia imaginibus decorata, tholum concamerationemque perpulchro ornatu esse distincta, ceteris marmore renidentibus. Floret ibi alacer divinae religionis cultus pluresque adsunt sacrorum administri piaeque sodalitates. Corpus beati Martyris, quem Coronatum nominant, multa fideles veneratione prosequuntur. Copiosa denique supellex ad festos ritus peragendos invenitur. Quoniam vero hoc ipso anno, quem Nos gloriosam Apostolorum Principum confessionem celebraturi "fidei annum" renuntiavimus, plenum post illam aedem consecratam saeculum est revolutum, Venerabilis Frater Nicolaus Cauchi, Episcopus tit. a Vico Augusti et Apostolicus Gaudisiensis dioecesis Administrator, opportune censuit amplum Basilicae honorem ab Apostolica Sede eidem esse impetrandum. Quod votum, totius etiam cleri omniumque fidelium nomine ad Nos delatum gravique commendatione Venerabilis Fratris Martini Ioannis O'Connor, Archiepiscopi tit. Laodiceni in Syria Nostrique apud Melitensem Civitatem Apostolici Nuntii, roboratum, benigno plane animo explere statuimus. Quapropter ex Sacrae Rituum Congregationis consulto, certa scientia ac matura deliberatione Nostra, deque Apostolicae potestatis plenitudine, harum Litterarum vi perpetuumque in modum, Ecclesiam Collegialem, Deo in honorem SS. Apostolorum Petri et Pauli dicatam et in oppido v.d. Nadur, intra dioecesis Gaudisiensis fines, exstructam, titulo ac dignitate Basilicae Minoris afficimus et condecoramus, omnibus adiectis iuribus ac privilegiis liturgicis, quae templis, eodem nomine insignibus, rite competunt. Contrariis quibusvis nihil obstantibus. Haec edicimus, statuimus, decernentes praesentes Litteras firmas, validas atque efficaces iugiter exstare ac permanere; suosque plenos atque integros effectus sortiri et obtinere; illisque, ad quos spectant seu spectare poterunt, nunc et in posterum plenissime suffragari; sicque rite iudicandum esse ac definiendum; irritumque ex nunc et inane fieri, si quidquam secus, super his, a quovis, auctoritate qualibet, scienter sive ignoranter attentari contigerit. Datum Romae, apud Sanctum Petrum, sub anulo Piscatoris, die XXVI mensis Iunii, anno MCMLXVII, Pontificatus Nostri quinto.

H. J. Card. Cicognani
a publicis Ecclesiae negotiis



PIVS PP. XII

*Ad perpetuam rei memoriam*

















